# Mosè Zammit

## Fundatur

### *F'għeluq is-60 sena mill-mewt tiegħu*



Mosè Zammit

Mosè Zammit twieled l-Imqabba fil-15 ta' Marzu 1886. Mosè kien miżżewweġ lil Margerita née Falzon u kien jgħix fi Triq il-Kbira l-Qrendi. Huwa kellu b'kollox 9 ulied iżda bħal ma kien jiġri f'kull familja ta' dak iż-żmien ħafna mit-tfal kienu jmutu trabi. B'hekk minn dawn id-9 aħwa, 3 biss baqgħu ħajjin bl-ikbar tifel mis-sitta l-oħra jmut ta' 7 snin u 7 xhur.

Eleonora, Marija u Ġużeppi, t-tlett itfal tiegħu sa ftit snin ilu kienu għadhom jgħixu ħdejn xulxin iżda ż-żmien jgħaqqad u ż-żmien jifred għaliex Ġużeppi Zammit u Eleonora Callus illum ma għadhomx magħna.

Mosè Zammit kien jaħdem għal rasu fil-barriera tal-franka li hu kellu fejn tar-robba limiti ta' Ħal Kirkop. Hu anke kien iħaddem xi nies miegħu.

Mosè kien devot kbir ta' Santa Marija. F'Mejju ta' l-1908 fl-età ta' 22 sena flimkien ma' Ignazio Falzon, Ġius Asciak, Raymondo Ellul u Francesco Falzon waqqfu Soċjetà taħt l-isem *Circolo M. Assunta* f'numru 21 Strada Parrocchiale il-Qrendi. Huma bejniethom ħarġu £13-11s-10d u Mosè kien ħareġ £2-4s sabiex jinxtraw il-bżonnijiet tas-Soċjetà.



*Mosè Zammit flimkien ma' żewġt iħbieb u bilqiegħda jidher Ġużeppi Zammit f'età żgħira*

Lil Mosè insibuh imniżżel bħala l-ewwel Segretarju tas-Soċjetà u wara fl-1912 insibuh fil-kumitat bħala membru. Mosè kien ukoll dilettant tal-murtali u kien jitla' l-post tan-nar bil-ħmara.

Ta' min isemmi li Ġużeppi Zammit, it-tifel tiegħu, kien ukoll iħobb b'qalbu kollha l-Festa ta' Santa Marija tant li kien l-ewwel wieħed li kien iqabbad in-nar ta' l-art bix-xokk elettriku li f'din is-sengħa kien espert. Tant li 50 sena ilu kien hu li fil-fatt għall-ewwel darba għamel id-dawl mar-raħal kollu u dan wara li ma baqgħetx tintuża l-aċitelena.

Mosè miet fit-22 ta' Otturbu 1940 fl-età ta' 54 sena. Huwa jibqa' mfakkar bħala wieħed mill-fundaturi tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija u ta' dan aħna grati lejn dan il-persunaġġ li għadda l-entużjażmu li kellu għal Santa Marija lil uliedu li ħabbewha bis-sħiħ u għadha meqjuma b'għożża f'niċċa mill-isbaħ li tinsab fuq id-dar tiegħu fi Triq il-Kbira.

**Martin Formosa**

Nirringrazzja lil Marija u lil Tommy Sammut u s-Sinjura tiegħu għall-għajnuna li tawni sabiex stajt niġbor dan it-tagħrif tant storiku għas-Soċjetà tagħna.